**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 2 ta' Lulju 2020**

**Talba Nru: 275/18 CZ**

**Vodafone Malta Limited (C 10865)**

**vs.**

**Frida Vella**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fil-21 ta' Gunju 2018 li biha talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-intimata thallas is-somma ta' tmien mija u tnejn u sittin Euro u dsatax-il centezmu (€862.19), rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellulari bil-kont numru 1.10990443 fuq talba u a beneficcju tal-intimata u dan kif jirrizulta mill-fattura li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata 'Dok. X 1'.

Illi dan il-kreditu qieghed jigi kkonfermat mir-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti u dan kif jirrizulta mill-affidavit hawn anness u mmarkat 'Dok. X2'.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk abbinati mal-ittra ufficcjali bin-numru 473/2016 u bl-imghax mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenuta mressqa fis-16 ta' Lulju 2018 li permezz taghha eccepiet:

1) Illi l-esponenti hija l-vittma ta' frodi kkawzati minn Fabian Catania kif taf is-socjeta' attrici u kif ha jigi ppruvat matul it-trattazzjoni ta' din il-kawza u ghalhekk fl-ahjar ipotezi ghandhom japplika id-dispozizzjonijet tal-artikolu 974 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-aghar ipotezi l-esponenti mhijiex il-legittimu kontradittur stante illi hi ma kinitx materjalment parti fin-negozju tal-istatement intavolata mis-socjeta' attrici;
2) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici jehtigilha tressaq prova tas-servizzi li allegatament inghataw lill-eccipjenti personalment skond il-ligi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra x-xiehda ta' Dr. Jeremy Debono[1], Joseph Azzopardi[2], Carmel Duca[3], u l-konvenuta[4].

[1] Fol. 3
[2] Fol. 37
[3] Fol. 50 u kontro-ezami a fol. 67
[4] Fol. 73, u kontro-ezami fis-seduta tat-22 ta' Frar 2019

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli avukati difensuri tal-partijiet.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi x-xhud Joseph Azzopardi, li kien jahdem bahal Credit Control Manager mas-socjeta' attrici, qal li l-konvenuta kienet ilmentat li l-kont gieha gholi u hu kien offrielha skont jekk hi thallas il-bilanc. Il-konvenuta din il-proposta ma qablitx maghha. Ix-xhud qal ukoll li kien jaf li l-persuna li kienet ghamelt il-kuntratt lill-konvenut min-naha tas-socjeta' attrici, aktar tressaq il-qorti fuq frodi minhabba li kien qed jiehu ammont ta' mobile phones minghand is-socjeta' attrici. Spjega wkoll is-sistema tal-kontijiet u l-invoices tas-socjeta' attrici, u b'liema mod is-socjeta' attrici titlob il-hlas ghas-servizzi.

Ix-xhud Carmel Duca, credit controller fis-socjeta' attrici qal li sar kuntratt mal-kovenuta fil-15 ta' Marzu 2012, izda f'dan l-ewwel kuntratt kien hemm problema bis-salesperson u s-socjeta' attrici tat rifuzjoni lill-konvenuta biex tikkonkludi, u dan minhabab li kien sar hafna tahwid minn dan is-salesperson partikolari. Il-problema li wasslet ghall-kawza odjerna kienet tirrigwarda ammont iehor u separat mill-kwistjoni tar-rifjuzjoni, u dan kellu x'jaqsam ma' 'GPRS usage'. Kien hemm zmien li l-kont tal-konvenuta inqaleb internament fis-socjeta' attrici minn sistema ghal sistema ohra, u l-bilanc li kien ghadu dovut mis-sistema l-antika gie trasferit ghal dik gdida. Ix-xhud kien iltaqa' mal-konvenuta biex jispjegalha fiex kien jikkonsisti il-kont gholi li kien waslilha, u spjegalha li dan kien ghal 'GPRS usage' gholi. Is-socjeta' attrici proponiet li taghti rifuzjoni lill-konvenuta, bil-hsieb uniku jkun li tevita l-qrati, izda l-konvenuta ma accettatx.

Il-<u>konvenuta</u> xehdet illi s-socjeta' attrici l-ewwel iggustifikat il-kont li kienet qed titlob billi qalet lill-konvenuta li kienet xtrat 'microchip' tal-Iphone, izda wara indikawlha li l-kont li kellha kien dovut ghal uzu ta' internet. Il-konvenuta cahdet li uzat l-internet, izda s-socjeta' attrici offritilha skont, izda hi m'accettatux, ghax skond hi ma kellha thallas xejn.

Illi jidher li wara li l-konvenuta saret klijenta tas-socjeta' attrici l-ewwel darba, inkixef xi operat qarrieqi li kien hemm min-naha ta' wiehed mill-impjegati tas-socjeta' attrici, u fil-fatt il-konvenuta inghatat rifuzjoni. Wara din ir-rifuzjoni, il-konvenuta ghamlet hlasijiet varji ghal servizzi li uzat wara.

Illi lejn l-ahhar tas-sena 2013 irrizulta li l-kont tal-konvenuta kif imdahhal fis-sistema tas-socjeta' attrici ma kienx kif suppost. Il-kont taghha kien l-hekk imsejjah 'four pointer', filwaqt li kellu jigi 'one pointer', u s-socjeta' attrici qalbet is-sistema. Dan it-tibdil kien xi haga interna, u ghalhekk ma kellu l-ebda riperkussjoni fuq il-konvenuta. Jidher izda li bhala effett ta' ezercizzju ta' aggustatment min-naha tas-socjeta' attrici, gie zvelat li l-konvenuta kellha thallas l-ammont ta' €542.33. Il-konvenuta, minn jeddha, geddet il-kuntratt li diga' kien hemm, u ntrabtet b'terminu iehor ta' erbgha w ghoxrin xahar. Il-konvenuta pero' baqghet tirrifjuta li thallas il-bilanc li kien qed jintalab mis-socjeta' attrici, u ghalhekk kienet iltaqghet ma' Joseph Azzopardi u Carmel Duca, li t-tnejn xehdu f'din il-kawza, u offrewlha skont ta' €377. Il-konvenuta baqghet tuza s-servizzi izda baqghet ma hallsitx il-bilanc, u s-socjeta' attrici kellha taqta' s-servizz in kwestjoni.

Illi min-naha l-ohra l-konvenuta ssostni li kienet vittma tal-qerq li haddem is-salesperson tas-socjeta' attrici. Il-konvenuta bhal issostni li meta dahlet ghat-tieni kuntratt is-socjeta' attrici ma qaltilhiex li kien ghad hemm bilanc dovut u ghalhekk ma ghandha thallas l-ebda ammont. Is-socjeta' attrici min-naha l-ohra indikat illi anke fejn xi klijent kien ghad ghandu xi bilanc pendenti, hija kienet toffri s-servizz

xorta. Il-fatt għalhekk illi s-socjeta' attrici ma gibditx l-attenzjoni tal-konvenuta għall-fatt li kien hemm bilanc, qabel sar it-tieni kuntratt, ma jfissirx illi s-socjeta' attrici b'xi mod irrinunzjat għat-talba għal ħlas tal-bilanc.

Illi t-Tribunal qies il-kuntratt li sar bejn il-partjiet kif ukoll id-dokumenti l-oħra kollha. Jirrileva illi għalkemm il-konvenuta bħal donnha qed ticcentra kollox fuq l-impjegat tas-socjeta' attrici li mexa b'qerq, dan tal-aħħar ma kellux x'jaqsam fil-bilanc attwalment mitlub. Dan għaliex is-socjeta' attrici, meta kixfet il-qerq, kienet tat rifuzjoni sħiħa lill-konvenuta; u għalhekk l-ammonti li qed jintalbu f'din il-kawza huma għal konsum ta' internet li jigi wara, biex wieħed jgħid hekk, l-episodju tal-impjegat li allegatament qarraq. Il-konvenuta f'dan ir-rigward ma offriet l-ebda spjegazzjoni għaliex ma ħallsitx għall-internet uzat. Ir-ragunijiet migjuba minnha, fis-sens li ma setgħetx tuza l-internet għax kienet tieħu ħsieb it-tfal u/jew kellha ħanut, ma jregux. Il-konvenuta kienet diga bdiet tħallas għadd ta' pagamenti għall-internet uzat u f'dan is-sens dan jikkontradixxi dak li qalet il-konvenuta fis-sens li ma setgħetx tuza l-internet.

Illi kwantu għall-eccezzoni ta' frodi min-naħa ta' l-impjegat tas-socjeta' attrici, it-Tribunal għandu jinnota illi filwaqt li jidher li dan l-impjegat tħarrek kriminalment, is-socjeta' attrici min-naħa l-oħra tat rifuzjoni sħiħa ta' dak li kellha tieħu l-konvenuta. Jibqa' izda li t-talbiet tas-socjeta' attrici llum huma separati minn din il-kwistjoni tal-qerq u għalhekk din l-eccezzjoni ma tregix.

Illi kwantu għat-tieni eccezzjoni fis-sens li s-socjeta' attrici trid iggib prova tas-servizzi li allegatament ingħataw, għandu jingħad illi fil-kuntratt iffirmat mill-konvenuta jidher car x'kienu s-servizzi li kienu qed jingħataw, u l-konvenuta kienet bdiet tħallas għal dawn is-servizzi. Iktar minn hekk, il-konvenuta matul il-kuntratt ma kinitx qed tilmenta minn xi nuqqas ta' servizz, anzi saħansitra ħallset għas-servizz li kien qed jingħata. Għalhekk is-socjeta' attrici irnexxielha tipprova li s-servizz kien qed jingħata. Għalhekk din l-eccezzjoni ma tregix.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta, jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici, u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmin mija u tnejn u sittin Euro u dsatax-il centezmu (€862.19), bl-imghax kif mitlub sal-hlas effettiv.

L-ispejjez kif mitluba ghandhom jithallsu kollha mill-konvenuta.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur